# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023.

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 125/2022 ISB**

**Mark Bonnici (K.I. Nru. 286373M)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrent **Mark Bonnici**, intavolat fil-15 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

> *"...tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex ai termini tar-Regolament 9(4) tar-Regolamenti dwar Companies Act (Register of Beneficial Owners) - Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Liġijiet ta' Malta, jerġa jdaħħal l-isem ta-soċjeta' Islet Fantasy Funpark*

*Limited, bin-numru ta' reġistrazzjoni C-40072 fir-Reġistru tal-Kumpaniji sabiex b'hekk is-soċjeta' Islet Fantasy Funpark Limited titqies li kompliet bl-esistenza tagħha daqs li kieku hi ma ġietx imħassra u jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi relattiva għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpaniji, u dana taħt dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun."*

U dan wara li ppremetta:

1. *Illi s-soċjeta' Islet Fantasy Funpark Limited (C-40072) bl-indirizz reġistrat tagħha 'Sit Off Islet Promenade', Buġibba, St. Paul's Bay, ġiet xolta, imħassra u ddikjarata bħala Struck off as defunct, b'effett mis-17 ta' Ġunju 2021, (kif jirriżulta mill-annes estratt mis-sit ta' l-MBR, anness bħala Dok. A), u dana ai termini ta' Liġi Sussidjarja 386.19, Regolament 9 tar-Regolamenti dwar Companies Act (Register of Beneficial Owners);*

2. *Illi wara illi ġie mibgħut avviż mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fit-8 ta' Frar 2021, fejn l-esponenti Mark Bonnici ġie infurmat illi peress illi s-soċjeta' Islet Fantasy Funpark Limited ma kinitx konformi mar-regolament infraskritt peress illi naqset milli tissottometti l-informazzjoni għar-rigward tal-beneficial owners ta' din il-kumpanija, ir-Reġistratur kien ser iħassar is-soċjeta' minn fuq ir-reġistru fl-eventwalita' illi din tonqos milli tirregolarizza l-posizzjoni tagħha fi żmien xhar, u dana kif jirriżulta mill-anness Dok. B;*

3. *Illi minkejja tali avviż, is-soċjeta' Islet Fantasy Funpark Limited naqset milli tirregolarizza l-posizzjoni tagħha u konsegwentement għalhekk hija ġiet dikkjarata bħala 'Struck off as defunct';*

4. *Illi l-esponenti kien direttur tal-kumpanija u dan skond kif jirriżulta mill-anness estratt mir-reġistru tal-kumpaniji, immarkat bħala Dok. C;*

5. *Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat b'tali tħassir u għandu kull interess illi din is-soċjeta' terga' tiġi attiva u terġa titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanija;*

6. *Illi minkejja illi l-kumpanija ġiet imħassra mir-Reġistru tal-Kumpaniji, hija kien għad għandha kuntratt ta' kirja kummerċjali viġenti mal-Lands Department, u għaldaqstant għandhom kull interess illi din l-istess soċjeta' terġa tidħol fir-Reġistru tal-Kumpaniji sabiex tkun tista' tkompli bl-operat tagħha;*

7. *Illi jekk is-soċjeta' Islet Fantasy Funpark Limited ma terġax titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, ir-rikorrenti ser isofri preġudizzju u danni irreparabbli, u dana peress illi l-assi ta' l-istess kumpanija, inkluż il-proprjeta' appena indikat u li għadha tifforma parti mill-assi tagħha, ser jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta;*

8. *Illi l-esponenti huwa lest illi jieħu kwalsiasi azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-posizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni, u huwa lest illi jieħu ħsieb illi jissottometti l-informazzjoni u dokumentazzjoni kollha rikjesta sabiex dawn jiġu debitament reġistrati;*

9. *Illi dan ir-rikors qiegħed isir fit-terminu tal-ħames snin preskritt fir-Regolament 9 tal-Liġi Sussidjarja 386.19 tal-Liġiet ta' Malta, u l-esponenti huwa l-persuna interessata ai termini ta' dan l-istess regolament;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 6).

Rat **id-digriet** tagħha, tat-2 ta' Jannar 2023 minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-22 ta' Frar 2023 fil-11:00 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fit-13 ta' Frar 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 13) b'dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija **Islet Fantasy Funpark Limited (C 40072)** kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-28 ta' Novembru 2006;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini ta'l-Att dwar il-Kumpanniji, u di piu naqqset ukoll milli tibgħat l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji. Tant hu hekk illi l-kumpanija qatt ma rreġistrat prospetti annwali mar-Reġistratur, filwaqt illi l-aħħar kont annwali reġistrat mill-istess kumpanija kien dak tas-sena 2014;*

*Illi l-kumpanija in piu' naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant baqgħet qatt ma daħħlet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-Kumpaniji dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha Mark Bonnici sabiex tavża illi l-isem tal-kumpannija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru jekk l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji ma tiġix sottomessa;*

*Illi l-ewwel ittra ntbagħtet lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok.* ***"A"*** *l-ittri u l-pibblikazzjonijiet maħruġa) fl- indirizz ' Islet Fantasy Funpark Limited, Sit Off Islet Promenade, Buġibba, St.Paul's Bay' u lill-uffiċċjal tagħha fl-indirizz '147, Cheers, Triq Sir Harry Luke, Mġarr, Malta' rispettivament datati 8 ta' Frar 2 021;*

*Illi f'din l-ittra l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont ir-Regolament 9 tal-Avviż Legali 247 tal-2020, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar u l-avviż fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-17 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi, madankollu fit-terminu preskritt mil-liġi, la l-kumpannija, la d-direttur tagħha u lanqas terzi persuni ma nfurmaw lir-Reġistratur illi kellhom xi nteress illi l-isem tal-kumpannija jibqa' fuq ir-Reġistru. Għalhekk l-esponenti mxiet sabiex tħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru, b'effett mis-17 ta' Ġunju 2021;*

*Illi kif jidher ċar mill-fatti suesposti, ir-rikkorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illi kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi jidher biċ-ċar illi r-rikorrent qatt ma kellu interess li jimxi b'konformita' mal-liġi dwar il-Kumpaniji u infatti naqas milli jirreġistra dokumenti mandatorji mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilu;*

*Illi r-rikorrenti injora ukoll il-multi illi jfakkru f'tali nuqqas u qatt ma affettwa il-pagamenti tal-multi. Illi il-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal* ***EUR 2,286.12,*** *filwaqt li l-penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta'*

> *dawn il-prospetti kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien beneficċjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw għal* ***EUR 18,994;***
>
> *Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż l-informazzjoni dwar is-sidien beneficċjarji, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata;*
>
> *Illi għaldaqstant hija lesta li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Lulju 2023, minn fejn jirriżulta illi l-pendenzi kollha tas-soċjetà Islet Fantasy Funpark Limited kienu ġew riżolti u għalhekk il-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum għall-provvediment finali.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti *ai termini* tar-**Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent, li huwa direttur tal-kumpanija **Islet Fantasy Funpark Limited (C 40072)**, qed jitlob ir-rivavviment tal-istess kumpanija, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-17 ta' Ġunju 2021.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrent għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li l-kumpanija għandha kirja kummerċjali viġenti mal-Lands Department u għandu kull interess illi l-istess soċjetà tkompli bl-operat tagħha.

Illi r-rikorrent iddikjara mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Islet Fantasy Funpark Limited u fil-fatt iddikjara li

lest jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex jkun f'pożizzjoni li jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat informazzjoni dwar is-sidien benfiċjarji tagħha *ai termini* tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations*, kif ukoll il-kumpanija sfat mingħajr segretarja sa mill-2016.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-**Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations***[1] , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily*

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

*newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija **Islet Fantasy Funpark Limited (C 40072)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibbiltà li kellu r-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, huwa żamm kelmtu u l-promessa magħmula minnu inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha fir-rigward tal-Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations* kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Islet Fantasy Funpark Limited (C 40072)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Islet Fantasy Funpark Limited (C 40072)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi nkorra l-intimat Reġistratur biex jikkanċella u dawk li jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Islet Fantasy Funpark Limited (C 40072)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**